VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,020, 18 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 31 tal-2013

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)
Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru tal-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

S.L 10.09.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolament prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi imħassar u s-subregolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament sħiħ.